DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 190401** **27.02.2019**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER U MILL-GĦAQDA NAZZJONALI TAL-PENSJONANTI

***Preżentazzjoni ta' manifest dwar drittijiet indaqs u dinjità għall-anzjani maħruġ mill-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew***

F'laqgħa li membri mill-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti kellhom mal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia, ġie ppreżentat lilu kopja ta' Manifest Elettorali dwar Drittijiet Indaqs u Dinjità għall-Anzjani. Dan id-dokument ġie ppubblikat mill-istess għaqda u kien indirizzat lill-kandidati kollha Maltin li ħerġin għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li se jsiru f'Mejju ta' din is-sena. Il-laqgħa saret fil-binja tal-Parlament fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agius Decelis u tal-*Whip* tal-Grupp Parlamentari tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar.

Il-President tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti Louis Cilia spjega li l-Ewropa (inkluża Malta) qed tixjieħ b'rata mgħaġġla u għalhekk l-aspirazzjonijiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib ta' dan il-grupp kbir ta' ċittadini Ewropew ta' 'l fuq minn 60 sena għandhom jingħataw widen xieraq minn dawk li jirrappreżentawhom fl-istituzzjonijiet kollha, inklużi l-parlament lokali u dak Ewropew. Ġie emfasizzat li l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti (li hi membru attiv fl-*AGE Platform Europe*) tagħti l-appoġġ kollu tagħha għal dik il-politika li tippromwovi l-interessi tal-persuni anzjani. Kien għalhekk li flimkien ma' *AGE Platform Europe*, l-Għaqda fasslet manifest elettorali bi tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew 2019 biex jinxtarr sew mill-kandidati li qed jaspiraw li jiġu eletti f'waħda mill-ogħla istituzzjonijiet Ewropej. Fost ir-rakkomandazzjonijiet elenkati f'dan il-manifest, il-President tal-Għaqda rrefera għal seba' punti li jispikkaw u li huma:

1. Li jissaħħu d-drittijiet ta' persuni anzjani billi tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra l-anzjani minħabba l-età (din id-diskriminazzjoni hi magħrufa bl-Ingliż bħala *ageism* u bil-Malti bħala etaiżmu);
2. Fil-perspettiva ta' anzjanità attiva għandhom jinħolqu swieqi u xogħol immirati għall-anzjani li jkunu inklussivi f'kull sens;
3. Li jiġi żgurat dħul xieraq għall-anzjani permezz prinċipalment ta' pensjonijiet adekwati u kumpensi oħra xierqa marbuta mal-anzjanità, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa;
4. Li tiġi żgurata d-dinjità tal-persuna matul il-ħajja kollha tagħha billi tingħata kura tas-saħħa ta' kwalità u li tkun affordabbli għall-persuni li jkunu laħqu l-età anzjana meta l-iktar ikollhom bżonnha;
5. Li jiġu promossi s-saħħa u l-benesseri tal-persuni anzjani;



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

6. Li jkun assigurat li kull anzjan/a fil-pajjiż ikollhom mezz biex ikomplu fl-edukazzjoni u fl-istħarriġ mill-ġdid tagħhom biex ikunu jistgħu jkomplu bil-ħajja attiva tagħhom anke wara li jieqfu mix-xogħol kif ukoll ikollhom aċċess għal oġġetti, djar u servizzi speċjalment dawk essenzjali għall-ħajja;
7. Li ċ-ċittadini anzjani tal-Ewropa jkomplu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja soċjali, komunitarja, kulturali u demokritika tas-soċjetà.

L-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti tħeġġeġ lill-kandidati kollha f'Malta li se joħorġu għall-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew biex jagħtu l-appoġġ konsistenti u inekwivoku tagħhom għal din il-politika tal-*AGE Platform Europe* favur l-anzjani u għal kull inizjattiva oħra li tista' titressaq mill-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti u dan għall-benefiċċju u għall-benesseri ta' dawk l-eluf kbar ta' ċittadini Maltin li qabżu s-sittin sena li skont l-istatistika uffiċjali, illum jiffurmaw madwar 25% tal-populazzjoni u li fi ftit ta' snin oħra hu stmat li se jlaħħqu anke ċ-ċifra ta' 30% tal-populazzjoni Maltija.

Filwaqt li rringrazzja lir-rappreżentanti tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti tax-xogħol sfieq li qed iwettqu, Robert Cutajar irrefera għax-xogħol li qed isir mill-Membru Parlamentari Ewropew David Casa dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, liema proposta issa tinsab fl-aħħar stadji biex tiġi approvata bħala liġi wara li għaddiet mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Impiegi u l-Affarijiet Soċjali. Qal ukoll li b'hekk l-Oppożizzjoni, permezz tad-Deputati Parlamentari Ewropej tagħha, qed tara li l-Unjoni Ewropea tibqa' tissalvagwardja d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej għal iktar Ewropa soċjali.

Is-Segretarju Parlamentari Anthony Agius Decelis irringrazzja lill-Membri tal-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti u qal li l-Gvern jaqbel ħafna mal-punti msemmija fil-manifest għaliex iħarsu lejn il-problemi tal-anzjani mhux biss mil-lat ta' saħħa iżda mill-aspetti kollha li jirrigwardaw l-anzjanità. Żied jgħid li kien għalhekk li l-gvern kien diġà qed jimplimenta uħud mir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-manifest u kien għalhekk ukoll li dan is-settur issa nqata' minn mal-Ministeru għas-Saħħa bil-ħolqien tas-Segretarjat Parlamentari li hu jmexxi u li hu responsabbli għall-anzjanità attiva.

Il-membri tal-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti rringrazzjaw lill-Ispeaker Anġlu Farrugia kif ukoll lid-deputati preżenti talli ġentilment aċċettaw li jiltaqgħu mal-Kunsill.